V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10226 — Prosegur/Euronet/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 187/07)

1. Fis-6 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Prosegur Cash, S.A. ("Prosegur", Spanja), li tappartjeni għall-grupp ikkontrollat minn Prosegur Compañía de Seguridad, S.A., u

— EFT Services Holding B.V. ("Euronet", in-Netherlands), li tappartjeni għall-grupp ikkontrollat minn Euronet Worldwide, Inc.

Prosegur u Euronet jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Latam ATM Solutions, S.L. kollha kemm hi. ("JV2", Spanja).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Il-grupp Prosegur jipprovdi servizzi ta' sigurtà lil kumpaniji, djar u negozji. Prosegur għandha tliet linji ta' negozju: (i) allarmi, (ii) sigurtà u (iii) flus kontanti.

— Euronet huwa fornitur tal-pagamenti elettroniċi. Il-grupp Euronet joffri soluzzjonijiet ta' proċessar u distribuzzjoni ta' pagamenti u tranżazzjonijiet lill-istituzzjonijiet finanzjarji, lill-bejjiegħa bl-imnut, lill-fornituri tas-servizzi u lill-konsumaturi individwali. L-offerta tal-prodotti tagħha tinkludi fost affarijiet oħra, l-ATM, il-punt tal-bejgħ (point-of-sale, POS), it-tipi kollha ta' kards u servizzi ta' akkwist tan-negozjanti.

— Il-JV se tkun is-sid, tiżviluppa u tħaddem network indipendenti tal-ATMs u se tipprovdi servizzi tal-ATMs esternalizzati lil istituzzjonijiet finanzjarji f'ċerti pajjiżi Amerikani (b'mod partikolari, tal-Amerka Ċentrali u tal-Amerka Latina). Dawn is-servizzi se jiġu pprovduti esklussivament barra miż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10226 — Prosegur/Euronet/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.